Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' novembru 2006

li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti tal-istima u l-verifikazzjoni relatati mal-għoti ta' ekotikketta tal-Komunità għall-materjali li jtejbu l-ħamrija

(notifikata bid-dokument numru C(2006) 5369)

(Test b'rilevanza ŻEE)

(2006/799/KE)

(ĠU L 322M, 2.12.2008, p. 291)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/888/KE tat-30 ta' Novembru 2009	L 318	43	4.12.2009
►M2	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/740/UE tal-14 ta' Novemrbu 2011	L 297	64	16.11.2011
►M3	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/295/UE tas-17 ta' Ġunju 2013	L 167	57	19.6.2013
►M4	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/336/UE tal-5 ta' Ġunju 2014	L 168	112	7.6.2014

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' novembru 2006

li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti tal-istima u l-verifikazzjoni relatati mal-għoti ta' eko-tikketta tal-Komunità għall-materjali li jtejbu l-ħamrija

(notifikata bid-dokument numru C(2006) 5369)

(Test b'rilevanza ŻEE)

(2006/799/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta għall-għoti ta' eko-tikketti tal-Komunità [1], u b'mod partikolari t-tieni subinċiż tal-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Bord tal-Unjoni Ewropea għall-Eko-Tikkettar,

Billi:

(1) Skond ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000, saret analiżi f'waqta tal-kriterji ekoloġiċi, kif ukoll tar-rekwiżiti tal-istima u tal-verifikazzjoni relatati, stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/688/KE [2] għall-għoti ta' eko-tikketti tal-Komunità għall-materjali li jtejbu l-ħamrija u għall-mezzi għat-tkabbir.

(2) Fid-dawl ta' din ir-reviżjoni, huwa xieraq li l-grupp tal-prodotti jinqasam f'żewġ gruppi ta' prodotti separati.

(3) Id-Deċiżjoni 2001/688/KE sejra b'hekk tiġi sostitwita minn żewġ Deċiżjonijiet separati, għall-materjali li jtejbu l-ħamrija u għall-mezzi tat-tkabbir, rispettivament.

(4) Għar-rigward tal-materjali li jtejbu l-ħamrija, huwa xieraq ukoll fid-dawl ta' din ir-reviżjoni, sabiex tingħata kunsiderazzjoni lill-iżviluppi xjentifiċi u tas-suq, li jiġu riveduti l-kriterji u r-rekwiżiti relatati mal-materjali li jtejbu l-ħamrija, li l-perjodu ta' validità tagħhom jintemm fit-28 ta' Awissu 2007.

(5) Il-kriterji u r-rekwiżiti ekoloġiċi riveduti se jkunu validi għal perjodu ta' erba' snin.

(6) Huwa xieraq li jiġi permess perjodu tranżizzjonali ta' mhux aktar minn tmintax-il xahar għall-produtturi li l-prodotti tagħhom ingħataw eko-tikketta qabel l-1 ta' Ottubru 2006 jew li applikaw għat-tali aġġudikazzjoni qabel dik id-data, sabiex ikollhom biżżejjed żmien biex jaddattaw il-prodotti tagħhom ħalli jikkonformaw mal-kriterji u r-rekwiżiti riveduti.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artiklu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000,

[1] ĠU L 237, 21.9.2000, p. 1.
[2] ĠU L 242, 12.9.2001, p. 17. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2005/384/KE (ĠU L 127, 20.5.2005, p. 20).

▼B

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-grupp tal-prodotti "*materjali li jtejbu l-ħamrija*" se jinkludi materjali li jridu jiżdiedu mal-ħamrija in situ primarjament biex iżommu jew itejbu l-proprjetajiet fiżiċi, u li jistgħu jtejbu l-proprjetajiet jew l-attività kimika u/jew bijoloġika tagħha.

Artikolu 2

Sabiex wieħed jingħata l-eko-tikketta tal-Komunità għall-materjali li jtejbu l-ħamrija, taħt ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000, il-prodott irid jaqa' fil-grupp tal-prodotti "*materjali li jtejbu l-ħamrija*" kif definit fl-Artikolu 1, u jrid jikkonforma mal-kriterji ekoloġiċi stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni.

Artikolu 3

L-eżekuzzjoni ambjentali tal-grupp tal-prodotti "materjali li jtejbu l-ħamrija" se jiġi stmat b'referenza għall-kriterji ekoloġiċi stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 4

Għal skopijiet amministrattivi, in-numru tal-kodiċi mogħti lill-grupp tal-prodotti "materjali li jtejbu l-ħamrija" se jkun "003"

Artikolu 5

Id-Deċiżjoni 2001/688/KE hija mħassra.

▼M4

Artikolu 6

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "materjali li jtejbu l-ħamrija" u r-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u ta' verifika għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2015.

▼B

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS

STRUTTURA

It-testjar u t-teħid ta' kampjuni sejjer fejn applikabbli jsir skond il-metodu tat-testjar żviluppat mill-Kumitat Tekniku CEN 223 "materjali li jtejbu l-ħamrija u mezzi tat-tkabbir" sakemm l-istandards orizzontali rilevanti elaborati taħt il-gwida tas-CEN Task Force 151 "Orizzontali", isiru disponibbli.

It-teħid ta' kampjuni se jsir skond il-metodoloġiji stabbiliti minn CEN/TC 223 (WG 3) kif speċifikati u approvati mis-CEN f'EN 12579 — Materjali li jtejbu l-ħamrija u medja tat-tkabbir — Teħid ta' kampjuni. Fejn it-testjar jew it-teħid ta' kampjuni huwa meħtieġ u mhux kopert minn dawn il-metodi u tekniki tat-teħid ta' kampjuni, il-Korp Kompetenti jew korpi li qed jistimaw l-applikazzjoni (minn hawn 'il quddiem msejħa "Korp Kompetenti") se jindika liema metodi ta' testjar u/jew ta' teħid ta' kampjuni jqis aċċettabbli.

Fejn xieraq, metodi ta' testjar oħra jistgħu jintużaw jekk l-ekwivalenza tagħhom tiġi aċċettata mill-Korp Kompetenti. Fejn ma jissemma l-ebda test, jew jissemmew għall-użu fil-verifikazzjoni jew il-monitoraġġ, il-korpi kompetenti se jiddependu kif xieraq fuq id-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni provduti mill-applikant u/jew il-verifiki indipendenti.

Il-korpi kompetenti qed jingħataw il-parir li jikkunsidraw l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-ġestjoni ambjentali rikonoxxuti, bħal EMAS jew ISO 14001, meta jistimaw l-applikazzjonijiet u jimmonitoraw il-konformità mal-kriterji f'dan l-Anness. (Nota: mhux meħtieġ li jiġu implimentati t-tali skemi ta' ġestjoni.)

L-għan ta' dawn il-kriterji huwa b'mod partikolari l-promozzjoni ta':

— l-użu ta' materjali rinnovabbli u/jew ir-riċiklaġġ ta' materjal organiku derivati mill-ġabra u/jew l-ipproċessar ta' materjal ta' skart li b'hekk jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-iskart solidu fir-rimi finali (per eżempju fil-miżbla);

— it-tnaqqis fil-ħsara jew ir-riskji ambjentali mill-metalli tqal jew komposti perikoluż oħra minħabba l-applikazzjoni tal-prodott.

Il-kriterji huma stabbiliti fuq livelli li jippromwovu t-tikkettar tal-materjali li jtejbu l-ħamrija li għandhom impatt ambjentali aktar baxx matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollha tal-prodott.

KRITERJI EKOLOĠIĊI

1. **Ingredjenti**

L-ingredjenti li ġejjin huma permessi:

1.1. Ingredjenti organiċi

Prodott se jingħata kunsiderazzjoni għall-għoti ta' eko-tikketta biss jekk ma fihx pit u jekk il-kontenut ta' materjal organiku tiegħu huwa derivat mill-ipproċessar u/jew l-użu mill-ġdid tal-iskart (kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart [1]) u fl-Anness I għat-tali Direttiva).

L-applikant għandu jipprovdi lill-Korp Kompetenti l-kompożizzjoni dettaljata tal-prodott, u dikjarazzjoni tal-konformità mar-rekwiżit imsemmi hawn fuq.

[1] ĠU L 194, 25.7.1975, p. 47.

▼B

1.2. Skart industrijali

Il-prodotti mhux se jkun fihom skart industrijali tad-dranaġġ. L-iskart industrijali (mhux tad-dranaġġ) huwa permess biss jekk jissodisfa l-kriterji li ġejjin:

L-iskart industrijali huwa identifikat bħala wieħed mit-tipi ta' skart li ġejjin skond il-lista Ewropea tal-iskart (kif definita mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/118/KE emendata mid-Deċiżjoni 2000/532/KE ([1])):

0203 05	skart industrijali mit-trattament ta' effluwenti fuq il-post fil-preparazzjoni u l-ipproċessar ta' frott, ħxejjex, ċereali, żjut li jittieklu, kakaw, kafè, tè u tabakk; fil-produzzjoni ta' marmellati; fil-produzzjoni tal-ħmira u tal-estratti tal-ħmira, fil-preparazzjoni u l-fermentazzjoni tal-għasel iswed
0204 03	skart industrijali mit-trattament ta' effluwenti fuq il-post fl-ipproċessar taz-zokkor.
0205 02	skart industrijali mit-trattament ta' effluwenti fuq il-post fl-industrija tal-prodotti tal-ħalib.
0206 03	skart industrijali mit-trattament ta' effluwenti fuq il-post fl-industrija tal-ħami u tal-ħelu.
0207 05	skart industrijali mit-trattament ta' effluwenti fuq il-post fil-produzzjoni tax-xorb alkoħoliku u mhux alkoħoliku (minbarra kafè, tè u kawkaw).

L-iskart industrijali huwa separat minn sors wieħed, jiġifieri li ma jkunx sar xi taħliet ma' effluwenti jew skart industrijali 'l barra mill-proċess ta' produzzjoni speċifiku.

Il-konċentrazzjonijiet massimi ta' metalli tqal fl-iskart qabel it-trattament (mg/kg piż fin-niexef) jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kriterju 2.

L-iskart industrijali għandu jissodisfa l-kriterji tal-Eko-tikketti l-oħra kollha speċifikati f'dan l-Anness, li fil-każ se jkunu kunsidrati biżżejjed stabbli u sanitizzati.

L-applikant għandu jipprovdi lill-Korp Kompetenti bil-kompożizzjoni dettaljata tal-prodott, u dikjarazzjoni tal-konformità ma kull wieħed mir-rekwiżiti msemmija hawn fuq.

1.3. Minerali

M'għandhomx jiġu estratti minerali minn:

— siti notifikati ta' importanza għall-Komunità skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali ta' fawna u flora selvaġġa ([2]);

— Żoni tan-netwerk Natura 2000, komposti minn żoni ta' protezzjoni speċjali skond id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi ([3]), u dawk iż-żoni taħt id-Direttiva 92/43/KEE flimkien, jew żoni ekwivalenti 'l barra mill-Komunità Ewropea li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Konvenzjoni dwar il-Diversità Bijoloġika tan-Nazzjonijiet Uniti.

L-applikant għandu jipprovdi lill-Korp Kompetenti dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti maħruġa mill-awtoritajiet xierqa.

([1]) ĠU L 47, 16.2.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7
([3]) ĠU L 59, 25.4.1979, p. 1.

▼B

2. **Limitazzjoni tas-sustanzi perikoluż**

Fil-prodott finali, il-kontenut tal-elementi li ġejjin għandu jkun aktar baxx mill-valuri li jidhru hawn taħt, imkejjla skond il-piż fin-niexef:

Element	mg/kg (piż fin-niexef)
Zn	300
Cu	100
Ni	50
Cd	1
Pb	100
Hg	1
Cr	100
Mo (*)	2
Se (*)	1,5
As (*)	10
F (*)	200

(*) Id-*data* relatata mal-preżenza ta' dawn l-elementi hija meħtieġa biss għall-prodotti li fihom materjal mill-proċessi industrijali

Nota: Dawn il-valuri tal-limiti huma validi sakemm il-leġislazzjoni nazzjonali mhijiex aktar severa

L-applikant għandu jipprovdi lill-Korp Kompetenti bir-rapporti tat-testijiet rilevanti, u dikjarazzjoni tal-konformità ma dan ir-rekwiżit.

3. **Kontaminanti fiżiċi**

Il-prodott finali (b'daqs tal-malja ta' 2 mm), il-kontenut ta' ħġieġ, metall u plastik irid ikun aktar baxx minn 0,5 % kif imkejjel bħala piż fin-niexef.

L-applikant għandu jipprovdi lill-Korp Kompetenti bir-rapporti tat-testijiet rilevanti, u dikjarazzjoni tal-konformità ma' dan ir-rekwiżit.

4. **Nitroġenu**

Il-konċentrazzjoni ta' nitroġenu fil-prodott m'għandhiex teċċedi 3 % totali tan-N (bil-piż) u n-N inorganiku m'għandux jeċċedi 20 % mit-total tan-N (jew in-N organiku ≥ 80 %).

L-applikant għandu jipprovdi lill-Korp Kompetenti b'dikjarazzjoni tal-konformità ma dan ir-rekwiżit.

5. **Eżekuzzjoni tal-prodott**

(a) Il-prodotti għandhom jiġu forniti fil-forma solida u jkun fihom anqas minn 25 % ta' materja niexfa bil-piż u mhux anqas minn 20 % materja organika bil-piż fin-niexef (imkejjla skond it-telf bil-kombustjoni).

(b) Il-prodotti m'għandhomx jaffettwaw ħażin il-ħruġ jew it-tkabbir sussegwenti tal-pjanta.

L-applikant għandu jipprovdi lill-Korp Kompetenti b'dikjarazzjoni tal-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, flimkien mar-rapporti tat-testijiet u d-dokumentazzjoni relatati.

▼B

6. **Saħħa u sigurtà**

Il-prodotti m'għandux jeċċedu l-livelli massimi tal-patoġeni primarji kif ġej:

— *Salmonella:* nieqes f'25 g;

— *Helminth Ova:* nieqes f' 1,5 g ([1]).

— *E. Coli:* <1 000 MPN/g (MPN: numru l-aktar probabbli) ([2])

L-applikant għandu jipprovdi lill-Korp Kompetenti bir-rapporti tat-testijiet u d-dokumentazzjoni rilevanti, u dikjarazzjoni tal-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti.

7. **Żrieragħ/propaguli vijabbli**

Fil-prodott finali, il-kontenut ta' żrieragħ ta' ħaxix ħażin u l-partijiet riproduttivi veġetattivi ta' ħaxix ħażin aggressiv m'għandhomx jeċċedu żewġ unitajiet kull litru.

L-applikant għandu jipprovdi lill-Korp Kompetenti b'dikjarazzjoni tal-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, flimkien ma' kwalunkwe rapport tat-testijiet u/jew dokumentazzjoni relatata.

8. **Informazzjoni provduta mal-prodott**

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi provduta mal-prodotti (jekk il-prodott huwiex ippakkjat jew le), jew bil-miktub fuq il-pakkett jew fl-iskedi deskrittivi li jakkompanjawh:

Informazzjoni ġenerali

a) l-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-marketing;

b) deskrizzjoni li tiddentifika l-prodott bit-tip, inkluż l-kliem "MATERJAL GĦAT-TITJIB TAL-ĦAMRIJA";

c) kodiċi ta' identifikazzjoni tal-konsenja;

d) il-kwantità (skond il-piż jew il-volum);

e) il-materjali tiegħu prinċipali (dawk li jeċċedu 5 % bil-volum) li minnhom ġie manifattura l-prodott;

Jekk applikabbli, l-informazzjoni li ġejja dwar l-użu tal-prodott għandha tiġi pprovduta mal-prodott, jew bil-miktub fuq il-pakkett jew fl-iskredi deskrittivi li jakkompanjawh:

a) il-kondizzjonijiet rakkomandati ta' ħażna u d-data "uża sa" rakkomandata;

b) linji gwida dwar it-tqandil u l-użu salv;

c) deskrizzjoni tal-iskop li għalih huwa maħsub il-prodott u kwalunkwe limitazzjonijiet fuq l-użu;

d) dikjarazzjoni tal-idoneità tal-prodott għall-grupp ta' pjanti partikolari (per eżempju pjanti li ma jittollerawx il-ħamrija alkalina jew pjanti li jikbru fil-ħamrija alkalina);

e) pH u l-indiċi Karbonju-Nitroġenu (C/N);

f) dikjarazzjoni dwar l-istabbilità tal-materjal organiku (stabbli jew stabbli ħafna) skond l-istandard nazzjonali jew internazzjonali;

g) dikjarazzjoni dwar il-metodi ta' użu rakkomandati;

h) f'applikazzjonijiet tal-passatemp: rata ta' applikazzjoni rakkomandata espressa f'kilogrammi jew litri tal-prodott għal kull erja tal-wiċċ (m^2) kull sena;

([1]) Għal dawk il-prodotti li l-kontenut organiku tagħhom mhux derivat esklusivament minn skart veġetali, tal-ġnien jew tal-parks

([2]) Għal dawk il-prodotti li l-kontenut organiku tagħhom huwa derivat esklusivamenti mill-iskart veġetali, tal-ġnien jew tal-park

▼B

Informazzjoni tista' tiħalla barra biss jekk tingħata ġustifikazzjoni sodisfaċenti mill-applikant.

Nota: Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta sakemm il-leġislazzjoni nazzjonali ma tkunx titlob xort'oħra.

Informazzjoni dettaljata

Parametru	Metodi tal-ittestjar
Kwantità	EN 12580
Kontenut ta' materjal organiku u rmid	EN 13039
N totali	prEN 13654/1-2
Indiċi Karbonju-Nitroġenu (C/N)	C/N (*)
pH	EN 13037
Metalli tqal (Cd, Cr, Cu, Pb, Ni, Zn)	EN 13650
Hg	ISO 16772
Kontenut materjal umdu/niexef	EN 13040
Salmonella	ISO 6579
Helminth ova	prXP X 33-017
E. Coli	ISO 11866-3
Test tal-istabbilità/maturità (it-test li jsir irid jiġi dikjarat mar-riżultati)	Mhux applikabbli

(*) Karbonju = materjal organiku (EN 13039) × 0,58
mhux applikabbli = il-metodu CEN mhux applikabbli.

9. **Informazzjoni li tidher fuq l-eko-tikketta**

Il-kaxxa 2 tal-eko-tikketta għandha tinkludi t-test li ġej:

— jikkontribwixxi għat-tnaqqis fit-tniġġiż tal-ħamrija u tal-ilma;

— jippromwovi r-riċiklaġġ tal-materjali;

— jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-fertilità tal-ħamrija.